MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1820/2005

**Bugeja Bros Limited**

**vs**

**Joseph Fabri ezercitanti l-kummerc taht l-isem FAB Woodworks**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm1340) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut u ghal liema ammont il-konvenut kien hareg cheque li ma giex onorat mill-bank, b'l-imghaxx mid-data tal-fattura u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz f’l-24 ta’ Ottubru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ elf tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm1340) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------